# IR-RABA' SENA

B'dan il-għadd li għandek f'idejk, int li qiegħed taqra, din ir-Rivista għalqet tliet snin u daħlet fir-raba' sena. Jiena, li lil din ir-Rivista rajtha titwieled — biex ma ngħidx ukoll li twieldet f'idejja — nistħajjilha tarbija; tarbija, ferħa tal-ġganti, għax malli twieldet bdiet tiekol ħafna u tikber ħafna. Ara kemm li issa, li għadha żgħira fil-għomor, għax għad għandha tliet snin biss, fil-qadd laħqet u għaddiet ħafna minn sħabha, li għandhom 'il fuq minn għoxrin u tletin sena.

Għall-aħħar tas-sena 1955, kellna mseħbin *li jħallsu* ftit fuq il-ħames mija. Is-sena ta' wara, 1956, kellna qrib id-disa' mija. Għamnewwel, 1957, imseħbin (dejjem dawk li jħallsu), kellna ftit anqas minn *elf u ħames mija*!

Mela, kif jidher, din ir-Rivista marret tajjeb. Marret tajjeb, l-ewwel u fuq kollox, bil-għajnuna t'Alla, għax kif għednielkom għamnewwel ukoll, il-Bambin mill-ewwel donnu wera li Rivista bħal din riedha f'Malta; u t-tieni, bir-rieda tajba tagħkom, intom il-qarrejja, u mbagħad bis-sabar kbir ta' dawk li jqassmuha. Imma l-aktar nett bis-saħħa ta' l-artikoli sbieħ u ta' fejda li jiktbulna kittieba mill-aħjar u mill-aktar magħrufa.

Ma nsemmux il-kittieba Franġiskani, bħal P. Gwidu Schembri, P. Ġużeppi Cremona, P. Marjanu Vella u xi ieħor, u xi żewġ Taljani li jinsabu Ġerusalem, għax dawk huma jaħdmu fil-għalqa ta' Missierhom. Imma ma jistax ikun li ma nsemmux lil Prof. Mons. Dun P.P. Saydon, li ismu jiddi bħala xemx fis-sema ta' Malta, u jwassal id-dija tiegħu saħansitra fuq artijiet bgħida ta' l-Ewropa. Raġel ta' ħila, li għalih fid-lingwa ma hawnx hlief kotba u fil-ħajja ma hawnx hlief tagħlim. U b'danakollu ma rahiex bi kbira li jżejjen bil-kitba tiegħu din in-naqra ta' Rivista tagħna. Hekk ukoll il-Prof. Patri Serafin Zarb O.P., li bħala Dumnikan, il-Franġiskani jqisuh wieħed minnhom, għax bejnhom u bejn id-Dumnikani hemm rabta qadima u sħiħa li ħadd u xejn ma jista' jħollha. San Duminku u San Franġisk kienu fid-dinja żmien wieħed, u kienu ħbieb u l-imħabba tagħhom baqgħet nieżla f'uliedhom, għal aktar minn seba' mitt sena. Għandna fi ħsebna kittieba oħrajn, żgħar fiż-żmien imma kbar fit-tagħlim. Nittamaw li kitbiethom ma ddumx ma żżejjen din ir-Rivista wkoll. Għax f'din ir-rivista, żgħira kemm hi żgħira, irridu kitba serja. Xi naqra ta' ħrafa, biex isserraħ ftit il-moħħ, inġibuha; imma ħwejjeġ bla fejda magħduda b'serji, f'din ir-Rivista, ma tarawhom QATT!

Taf x'kitiblu mill-Kajr, Dr. Martiniano Roncaglia, lill-Patri Kummissarju? Qallu, fost tifħir ieħor: "Qatt ma kont nemmen li Rivista tajba bħal dik setgħet toħroġ minn Malta!"

Aħna, li noħorġu din ir-Rivista, nifirħu bi kliem bħal dan. Għax kull min jagħmel xi xogħol, jifraħ jarah sejjer tajjeb. Ta' dan ix-xogħol, fiddinja ma nieħdu ebda ħlas (biex ngħid kollox, jien nieħu xi ħaġa: għax il-Patri Kummissarju jagħtini sigarrett kull meta jkolli għal fejn immur inkellmu). Jew biex inħarsu min-naħa l-oħra, ilna li tħallasna. Għax darba kien hemm Raġel, żagħżugħ Lhudi, jismu Ġesù, li ħalla lil min isallbu u joqtlu għall-ġid tagħna. Hu ta ħajtu għalina u aħna sa nċaħħduh minn ħabba xogħol? Le, qatt! Mhux sewwa. Ma jistax ikun!

ELSIE.